# 75 sena ilu

## Il-Festa ta' Marija Bambina ċċelebrata mis-Sengleani fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl tar-Rabat

Int u dieħel fl-Oratorju ddedikat lil Madonna tal-Karmnu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tilmaħ fuq iż-żewġ bibien żgħar li jagħtu wieħed għall-passaġġ u l-ieħor għas-sagristija, żewġ kwadri ovali. Wieħed jirrappreżenta l-istatwa tal-Kunċizzjoni meqjuma fil-Kolleġġjata u Parroċċa ta' Bormla u ieħor ferm aktar ta' kwalità li juri l-Bambina meqjuma fil-Bażilika tal-Isla.

Dan tal-aħħar, propju din is-sena jagħlaq 75 sena meqjum fil-Parroċċa tagħna. Huwa rigal tar-refuġjati li fi żmien il-gwerra sabu kenn fir-Rabat u bħala rikonoxxenza tal-ospitalità li urew missirijietna riedu jħallu fil-Parroċċa tagħna tifkira dejjiema bi gratiduni għal dan. Dan il-kwadru li



*Il-Kwadru tal-Bambina li jinsab fl-Oratorju tal-Parroċċa*

ħafna minnha jiftakru kien saħansitra jiġi armat fuq l-Altar Maġġur fil-Festa tal-Vitorja ġie regalat waqt żmien ikrah ħafna għas-Sengleani kif ser naraw aktar 'il quddiem.

Is-Sengleani evakwati u refuġjati fir-Rabat u l-Imdina, talbu u qalgħu l-permess mingħand il-Kappillan tar-Rabat, Dun Anton Buhagiar, biex jiċċelebraw il-festa tat-twelid ta' Marija tal-1941 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl. Irridu niftakru li f'dan l-eqqel żmien tal-gwerra, is-Sengleani kellhom il-Bażilika mfarrka bil-bombi tal-għadu filwaqt li l-istatwa ħelwa u devota tal-Bambina wara l-attakk mill-ajru tas-16 ta' Jannar tal-1941 fuq il-knisja kellha, bħalhom tittieħed refuġjata ġol-Knisja Kolleġġjata ta' Sant Elena f'Birkirkara.

Dik is-sena s-Sengleani kienu qed jiċċelebraw ukoll l-20 anniversarju minn meta l-istatwa tal-Bambina ġiet inkurunata mill-Arċisqof Mauro Caruana OSB, avveniment li seħħ nhar l-4 ta' Settembru 1921 fix-xatt tal-Isla. Il-festa tal-1941 fir-Rabat saret fuq erbat ijiem mill-4 sas 7 ta' Settembru, għaliex fit-8 ta' Settembru, il-kapitlu Senglean mexxa l-festa tal-Bambina fin-Naxxar. Il-programm kien jikkonsisti f'dan li ġej:

Mill-4 sas 6 ta' Settembru: Quddies fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl kull nofs siegħa, mill-5am sad-9am. Waqt il-quddiesa tas-7.30am quddiesa bi tqarbina ġenerali, prietka u bil-mużika bl-orgni. Fl-4 ta' Settembru fis-6pm siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat u li fiha l-Arċipriet tal-Isla, il-Kan. Manuel Brincat kien mistieden biex jagħmel omelija. Id-diskors ta' din l-omelija ġie stampat u f'idejna għandna kopja li tagħha qed jiġi riprodott ritratt ma' dan l-artiklu.

Fid-diskors imanqal tiegħu, l-Arċipriet Brincat jgħid hekk fost l-oħrajn:

"Marija Bambina! Kemm int ħelwa, kemm int sabiħa...sraqtilna qalbna...sa minn mindu konna żgħar. Fuq ħoġor ommna tgħallimna nsejħulek,



4 - IX - 41.

DISKORS MGHAMUL MILL-W.R. KAN. MANUELI BRINCAT, ARĊIPRIET TA' L-ISLA FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' S. PAWL IR-RABAT, FL'OKKAŻŻJONI TA' L-XX ANNIVERSARJU TA' L-INKORONAZZJONI TA' MARIJA BAMBINA PATRUNA TAL-BELT INVITTA L-ISLA.

***Kopja tal-Omelija tal-Kan. Manuel Brincat***

tgħallimna nħobbuk… U din l-imħabba… fittxet minn fejn toħroġ…fittxet svog… u dan l-isvog sabitu għoxrin sena ilu meta….il-maħbub Isqof tagħna, b'għaxqa u ammirazzjoni ta' kulħadd… mar ixidlek kuruna sabiħa, magħmula mid-deheb, simbolu tal-qima tagħna lejk bħala Regina, miżgħuda bil-ħaġar prezzjuz, simbolu tal-għożża u l-imħabba tagħna għalik… U allura kantajna, b'qalbna fuq xofftejna, b'ruħna f'estasi ta' ferħ:

*Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna… Bil-Kuruna fuq rasek rajnik…*

Iżda fejn hi l-kuruna? Fejn hi l-istatwa tiegħek?... Merfugħa biex ma ssofrix l-istrapazzi tal-għadu… Merfugħa biex tibqalna sħiħa…

B'ġenerożità liema bħalha, il-Kappillani laqgħu x-xewqa li wrejniehom u din il festa ċkejkna filwaqt li hi wirja ta' fidi min-naħa tagħna, hija xhieda wkoll ta' karità nisranija min-naħa tal-poplu ta' din il-Parroċċa specjalment tar-Ragħaj tagħha l-maħbub Kapillan Dun Anton Buhagiar. Finniket tagħna sibna min jagħdirna… min jieħu sehem magħna… u għalhekk jekk ukoll barra mill-Bażilika mġarrfa tagħna, u iżda f'tempju ieħor tal-istess Alla, fejn l-insara huma lkoll aħwa, ulied Missier wieħed, familja waħda, il-familja kbira tal-insara, jekk mhux quddiem l-istatwa ta' Marija Bambina quddiem xbieha oħra tagħha nġbarna llejla biex nagħmlu festa. Din ix-xbieha għażiża miġbura mir-refuġjati tar-Rabat, ippreżentata minna, hija wirja dgħajfa ta' rikonoxxenza tagħna."

Wara dan is-Sur Louis Scicluna u l-familja tiegħu, f'isem is-Sengleani ippreżentaw il-kwadru, xogħol tal-pittur Bormliż Ġużeppi Duca (1871-1948), li ġie segwit bil-kant tat-Te Deum u wara ngħatat il-Barka Sagramentali mill-Kapillan tar-Rabat Dun Anton Buhagiar.

Fil-5 u 6 ta' Settembru mbagħad fis-6.30am tkantaw il-vespri, wara s-Salve Regina u l-Litanija tal-Madonna. Fil-5 ta' Settembru, il-barka ngħatat minn Dun William Bailey, filwaqt li l-għada ingħatat mill-Kan Salvinu Ellul.

Fis-7 ta' Settembru fl-4.30am beda l-quddies filwaqt li f'dik tat-8am kien hemm tqarbina ġenerali. Fid-9am saret it-terza u Quddiesa Solenni mmexxija mill-Kan Arturo Bonnici, Primiċerju tal-Kapitlu Senglean. Fil-5pm kien hemm il-Vespri kantati mmexxija mill-Kan Godfrey Lubrano filwaqt li l-Kapillan tar-Rabat għamel il-prietka. Wara dan ingħad ir-rużarju, tkantaw il-litanija u l-antifona, il-litanija tal-qaddisin u wara ngħatat il-Barka Sagramentali. Il-kant tħalla f'idejn l-iSchola Cantorum tal-Patrijiet Agostinjani.

Wara l-gwerra l-kwadru mogħti mill-poplu Senglean ġie mqiegħed fl-Oratorju kif għadu jidher hemm sal-lum.

**Nota fuq Mons Emmanuel Brincat (1905-1986)**

Il-Kan Emmanuel Brincat imsemmi aktar qabel twieled f'Raħal Ġdid nhar it-22 ta' Jannar tal-1905. Ġie ordnat saċerdot fl-1928 u maħtur Kanonku tal-Isla. Kien inkarigat mid-Domus Piju X fejn kien jgħallem ukoll id-duttrina. Inħatar Kappillan ta' Ħal Safi (1931), Ħaż-Żabbar (1935) u fl-1940 inħatar Arċipriet tal-Isla. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija hu insista li jibqa' mal-poplu tiegħu anke waqt l-agħar attakki tal-għadu. Meta l-Bażilika tal-Isla sfat mġarrfa, trasferixxa l-ħidma pastorali tiegħu



*Ġużeppi Duca - il-pittur tal-kwadru tal-Bambina*

għall-Knisja tal-Porto Salvo fil-ponta tal-Isla. Dan ġablu ammirazzjoni mhux l-inqas mir-Re Ġorġ VI nnifsu, li meta żar il-belt tal-Isla mġarrfa kif kienet fl-1943 kellu kliem ta' tifħir għall-Arċipriet Brincat. Din il-ħidma ġiet rikonoxxuta wkoll tant li l-Kan Emmanuel Brincat ġie mogħti l-ġieħ ta' *Member of the British Empire (MBE)*.

Ta' min jgħid li aktar tard hu ppubblika dawn it tifkiriet tiegħu ta' żmien il-gwerra fil-ktieb *Senglea during the Second Great War 1940-1944,* stampat mill-Progress Press fl-1979.

Fl-1947 l-Arċipriet Brincat ġie mibgħut bħala Arċipriet fiż-Żejtun. Meta mbagħad ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral tal-Imdina, insibu li tela' joqgħod ir-Rabat, propju f' nru 125, Triq il-Buskett, illum magħrufa bħala Triq Ġorġ Borg Olivier. F'dan iż-żmien li kien residenti r-Rabat, ħafna drabi kont issibu jqarar fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, kif ukoll kien iqaddes quddiesa tal-ħin f'San Bastjan. Fl-1959-1962 hu daħal jistudja kors ta' tliet snin fl-Università tal-Lateran f'Ruma fejn ġab id-Dottorat fil-Liġi Kanonika u fl-istess żmien ġab id-Diploma fil-Latin mill-Università Gregorjana.

Lura f'Malta nħatar Arċipriet tal-Katidral tal-Imdina, fejn wara tmien snin ġie maħtur Teżorier tal-istess Kapitlu sakemm wara ftit xhur irreżenja. Hu ħalla din id-dinja nhar it-3 ta' Lulju 1986.

**Bibliografija**


Ktejjeb – Diskors magħmul mill-WR Kan Manueli Brincat, Arċipriet tal-Isla fil-Knisja Parrokjali ta' San Pawl Ir-Rabat, Fl-okkażjoni tal-XX Anniversarju tal-Inkuruanzzjoni ta' Marija Bambina Patruna tal-Belt Invicta L-Isla – Empire Press, Valletta 1941

*Senglea During the Second Great War 1940 – 1944*, Monsignor Emmanuel Brincat, Progress Press Co Ltd 1979.

Dictionary of Maltese Biographies, Vol 1 A-F, Michael Schiavone, PIN, Malta 2009.


Nirringrazzjaw ukoll lis-Sinjuri Winston L Zammit, Mons Ġwann Azzopardi u Lawrence Cefai għal tagħrif li għoġobhom jgħaddulna.


